SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR LOCAL GOVERNMENT

MALTA

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

Ref. Tagħna LGO 13/1994/XX

27 ta' Jannar 2016

Lill-Presidenti, Viċi Presidenti,
Membri u Segretarji Eżekuttivi
Kumitati Reġjonali

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

# MEMO 5/2016

## DEPOŻITU JEW UŻU TA' KREJN JEW MAKKINARJU IEĦOR

Qed issir referenza għall-permessi dwar depożitu jew użu ta' krejn jew makkinarju ieħor fejn kull Kunsill Lokali għamel *account* mal-*HSBC* kif ukoll mal-*BOV* kif kien mitlub b'*Memo 14/2013* u l-*MITA* ħolqot is-sistema *online* bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Issa din is-sistema ġiet aġġornata bl-Avviż Legali 154 tal-2015 (Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsilli Lokali) li nħareġ fid-19 ta' Mejju 2015 dwar dawn il-permessi.

Sfortunatament din is-sistema, li bdiet tingħata *live* għall-pubbliku mill-5 ta' Mejju 2014, mhix tintuża kif mixtieq u għalhekk kull Kunsill Lokali huwa mħeġġeġ sabiex jippromwovi din is-sistema mar-residenti tiegħu biex issir aktar popolari man-nies u tintuża aktar.

Din is-sistema tiffaċilita l-applikazzjonijiet għal dawn il-permessi billi l-pubbliku ikollu l-possibbiltà li jagħmel l-applikazzjoni *online* faċilment u fil-kumdità ta' daru minflok ma jkollu jmur personalment il-Kunsill Lokali.

Il-pubbliku jkun jista' jagħmel dan billi jidħol fis-sistema permezz tal-*eID* u jrid japplika sebat'ijiem qabel id-data li jrid juża l-makkinarju sabiex is-sistema tkun tista' taċċetta l-applikazzjoni tiegħu.

Is-sistema li wieħed jista' jmur u japplika l-Kunsill Lokali ser tibqa'. Jekk applikazzjoni ma tkunx tista' ssir *online,* il-Kunsill Lokali jista' jżomm id-dritt li jinforma lill-applikant sabiex iżur il-Kunsill Lokali biex japplika għall-permess personalment.

26 TRIQ L-ARĊISQOF, IL-BELT VALLETTA VLT 1443
**t** + 356 2200 2300 **e** info.dlg@gov.mt | www.dlg.gov.mt

Mill-banda l-oħra, l-Kunsill Lokali jkun jista' jnaqqas il-kjuwijiet u tiżdied l-effiċjenza.

Biex il-pubbliku jkun jista' jaċċessa din is-sistema, jista' jagħfas fuq il-*link* li tidher hawn taħt:

> https://www.gov.mt/mt/Services-And-Information/eforms/Pages/Landing%20Pages/EFG023%20-%20Depozitu%20jew%20Uzu%20ta%20Krejn%20jew%20Makkinarju%20iehor.aspx.



Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali

Kopji: Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Kelliem Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni